MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 924/2003

Kawza fil-lista: 65

**A B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu fit-18 ta' Marzu 2002 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok A).

Peress illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Peress illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew iktar ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Peress illi l-attur, ghalkemm mhux interdett jew marid b'mohhu, ma kellux fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Peress illi ghalhekk iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Tghid il-konvenuta ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg konntrattat bejn il-kontendenti fit-18 ta' Marzu 2002.

Bl-ispejjez u l-konvenuta ngunta in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi filwaqt illi l-esponenti taqbel illi z-zwieg celebrat bejn il-partijiet ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijet u effetti kollha tal-Ligi ghar-ragunijiet li qeghdin jigu ndikati fic-citazzjoni, tecceppixxi illi dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null ghar-ragunijiet imputabbli biss lill-attur.

2. Illi jsegwi ghalhekk illi l-esponenti m'ghandhiex tigi soggetta ghall-ispejjez tal-istanti.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-18 ta’ Marzu 2002 huwa null fil-ligi in bazi ghal dak li hemm kontemplat fil-paragrafi [d][f] u [h] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Il-Qorti semghet lill-partijiet jixhdu f’ din il-kawza, u mill-provi akkwizti jirrizulta sodisfacentement provat is-segwenti kwadru tal-fatti. Illi l-attur li ilu jbati diversi snin minn depressjoni esprima d-desiderju tieghu li jizzewweg ma’ hbiebu, u dawn irrangawlu mal-konvenuta mara ta’ nazzjonalita’ Marokkina li f’ dak iz-zmien kellha 35 sena, filwaqt li l-attur kellu 22 sena. Konsegwentement fi zmien qasir sar iz-zwieg bejniethom, u sussegwentement huwa nforma lil tal-familja tieghu b’dak li kien ghamel, li minn naha taghhom hadu xokk kbir. Irrizulta wkoll li l-koppja qatt ma kkonvivew flimkien u lanqas ghamlu l-att konjugali. Di fatti wara li sehh iz-zwieg civili lill-konvneuta ma rahiex aktar.

Il-Qorti hija tal-fehma li z-zwieg in disamina huwa null fuq zewg capita nullitatis attribwibbli liz-zewg parijiet. Il-Qorti, li kellha l-opportunata’ li tikkonstata lill-attur jixhed fuq il-pedana, tirravviza nuqqas serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju dwar il-hajja matrimonjali fil-konfront tal-attur, filwaqt li tirravviza eskluzjoni posittiva taz-zwieg in-nifsu fil-konfront tal-konvenuta.

Mill-provi jirrizulta car ghal din il-Qorti li l-attur mhux biex ma kienx jgharaf u japprezza l-obbligi ta’ hajja mizzewwga u jhares b’ sens ta’ maturita’ dwar l-import ta’ din il-hajja, izda wkoll li zgur li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali huwa kellu dik <u>l-inkapacita’</u> psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] u kostituzzjonali li jagharaf u jirrifletti u jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Dan kien manifest ghal din il-Qorti, *multo magis* kellu jkun manifest ukoll ghall-konvenuta li fix-xhieda taghha tghid li

l-attur ma kienx mohhu f' postu fis-sens li ma kienx mentalment stabbli. Ghalhekk fil-konfront ta' l-attur huwa ravvizat il-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-Artikolu 19[1].

Minn naha tal-konvenuta l-Qorti tirravvisa l-*caput nullitatis* bazat fuq l-eskluzjoni posittiva b' att volontarju taghha taz-zwieg. Mill-provi akkwiziti l-Qorti tikkonkludi li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali dina internament b' att posittiv tal-volonta' taghha eskludiet l-obbligi matrimonjali, anzi eskludiet iz-zwieg in-nifs. Hija qatt ma kellha l-intenzjoni li tghix il-hajja matrimonjali mieghu. Ghalhekk fil-konfront taghha huwa ravvizat dak kontemplat fil-paragrafu [f] tal-Artikolu 19[1].

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini ta' l-Artikoli preciatati, u dan ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet. Il-Qorti thoss pero' li l-ispejjez ghandhom jigu sopportati principalment mill-konvenuta stante li l-komportament taghha fic-cirkostanzi huwa manifestament aktar kundannabbli.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici fis-sens li tiddikjara null u bla effett fil-ligi kif fuq indikat iz-zwieg bejn il-partijiet ikkuntratt fis-18 ta' Marzu 2002. L-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal erba minn hamsa [4/5] mill-konvenuta, filwaq li r-rimanenti kwint [1/5] jibqa' a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------